MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 254/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Melchior Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Melchior Spiteri talli:

Fis-17 ta' Marzu ghal habta tal-10.30 a.m. u hinijiet wara waqt li kien fl-ufficcju tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin:

(1) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Supretendent Sandro Gatt, PC 133 Chris Bonnici SRT u James Abela A/Sco SRT, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba

li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(2) Fl-istess jum, hinijiet, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-giegh ta' xi hadd, u cioe` il-gieh tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, is-Supretendent Sandro Gatt, PC 133 Chris Bonnici u James Abela, ufficjali tal-imsemmija Facilita` Korrettiva ta' Kordin, weggaghom bi kliem, gesti jew b'xi mod iehor;

(3) Irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, fejn huwa kien gie misjub hati u kkundannat b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin b'sentenzi li ma jistghux jinbidlu jew jithassru;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Lulju, 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 95, 95(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Melchior Spiteri hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda mhux tat-tieni u kkundannatu ghal twiddiba;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-6 ta' Awissu, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontrieh u fejn gie lliberat mit-tieni imputazzjoni, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat, u wara li terga' ssib lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontrieh u mhux hati dwar it-tieni imputazzjoni, tiddikjara li l-imsemmi Melchior Spiteri huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u tipprosegwi billi tinfliggi piena gdida ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza wkoll ghall-artikolu 33A tal-istess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta’ l-Avukat Generali mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti peress illi jsostni illi l-ewwel Qorti marret ferm taht il-minimu preskritt mil-ligi u naqset milli tiehu kont tar-recidiva tal-hati kif ukoll ta’ l-artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar li l-piena kienet taht il-minimu l-Avukat Generali jghid, b’referenza ghall-piena ghall-ewwel imputazzjoni – peress illi mit-tieni imputazzjoni l-appellat gie lliberat u l-Avukat Generali stess qieghed jitlob il-konferma ta’ dik id-decizjoni – li l-piena ghandha tkun dik skond l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa, it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hi bazata proprju fuq l-artikolu 252(1) imsemmi. Ghalhekk l-Avukat Generali jikkontradixxi ruhu meta minn banda jippretendi li tigi applikata piena skond dak l-artikolu u mill-banda l-ohra jitlob konferma tad-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat taht dak l-istess artikolu “ghaliex ma jissussistux l-elementi kostituttivi” tar-reat hemm kontemplat. Fil-fatt ir-reat hemm kontemplat hu dak ta’ ingurja gravi (*defamation*). Fil-kaz in ezami, dak li rrizulta lill-ewwel Qorti hija theddida fil-konfront ta’ P.C. 133 Chris Bonnici u ghalhekk il-piena applikabbli hi dik applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet b’referenza ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Il-piena tat-twiddiba hi wahda mill-pieni applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet.

Pero` l-Avukat Generali jmur oltre u jirreferi wkoll ghas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 33A tal-Kap. 9. Dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

**“Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun prigunier il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija ghandha tizdied bi grad jew tnejn u d-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 21 u 28A u ta’ l-Att dwar il-*Probation* ma ghandhomx japplikaw.”**

Peress li jirrizulta li l-incident sehh fl-ufficcju tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin fejn l-appellat kien u

ghadu prigunier, m’hemmx dubju li japplika pjenament l-artikolu 33A.

L-Avukat Generali jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, cioe` dawk l-artikoli li jipprovdu dwar ir-recidiva. In sostenn ta’ din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni pprezentat tliet sentenzi. Is-sentenza Dok. S22 a fol. 54 – 58 tirrigwarda sentenza ta’ prigunerija li l-appellat ghadu ma skontax u ghalhekk mhux applikabbli l-artikolu 50 imsemmi. Dwar is-sentenza Dok. S23 a fol. 59 – 61 ma ngabet ebda prova. Dwar is-sentenza Dok. S24 a fol. 62 – 68 l-Ispettur Angelo Caruana kkonferma li hija sentenza moghtija fil-konfront ta’ l-appellat.

Issa, iz-zieda ta’ piena bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 mhijiex tassattiva u ghalhekk hi biss fid-diskrezzjoni tal-Qorti tapplikahiex jew le.  L-ewwel Qorti dehrilha li ma kienx il-kaz li zzid il-piena – dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li kienet ghamlet dwar il-piena, fosthom li l-appellat kien inghata wkoll punizzjoni amministrattiva “bil-ferm aktar oneruz milli kieku din il-Qorti kellha tapplika u tikkundanna lill-imputat fuq l-iskorta ta’ l-imsemmi artikolu 95”. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti f’dan ir-rigward.
Konsegwentement il-piena nflitta fuq l-appellat ghandha tizdied skond l-artikolu 33A tal-Kap. 9, izda dan bi grad wiehed biss. Issa, skond l-artikolu 31(1)(g) tal-Kap. 9, **“it-tlugh mill-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet isir ghall-piena tal-multa jew ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tliet xhur.”**

Wara li din il-Qorti ezaminat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda kollha, inkluz dik ta’ Mario Felice, din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ghandha tkun dik tal-multa.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghall-piena tat-twiddiba u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikoli 33A u 31(1)(g) tal-

Kap. 9, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ tmienja u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (58.25) pagabbli fi zmien gimgha u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata ghal kull hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (11.65).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------